MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta tas-26 ta' April, 2007

Numru. 88/2005

Il-Pulizija

vs

Maruska Attard

Il-Qorti;

Rat li l-imputata Maruska Attard, ta’ 21 sena, bint Albert u Eugenia imwielda Zammit, imwielda Pieta’ fil-25.9.1982 u toqghod 13, Triq Azzopardi, Marsa, detentrici tal-karta ta’ l-identita numru 520882(M) giet mressqa quddiemha akkuzata talli fl-10 ta’ Gunju 2004 ghall-habta tas-sitta ta’ filghaxija, minn gewwa l-hanut ‘Naturally Beauty Secrets’ ta’ gewwa l-Embassy Shopping Complex li jinsab fi Triq Santa Lucia fil-Belt Valletta, ikkommettiet serq ta’ mobile

phone tal-marka Samsung, mudell E100 ta' valur ta' LM145 ta' kulur il-fidda ghad-dannu ta' Christine Hallett, liema serq hu aggravat bil-valur;

U aktar talli fl-istess data fuq dawn il-gzejjer xjentement laqghet ghandha hwejjeg misruqa u cioe' mobile phone tal-marka Samsung mehud jew akkwistat b'reat jew xjentement b'kull mod li jkun indahlet biex tbieghu jew tmexxih ghad-dannu ta' Christine Hallett;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 29 ta' Settembru 2004 (Dok. B3) sabiex il-kaz jinstema bi procedura sommarja.

Rat li l-imputata iddikjarat fis-seduta tat-13 ta' April 2007 li hija ma kellhiex oggezzjoni li l-kaz jigi deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha hawn fuq riferita.

Semghat l-ammissjoni ta' l-imputata kif registrata fl-atti fis-seduta tat-13 ta' April, 2007 fejn hija ammettiet l-akkuzi migjuba fil-konfronti taghha.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap 9, u cioe' wara li l-imputata wiegbet li hija hatja din il-Qorti wissietha b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba taghha u tatha zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha u kien wara li staqsietha t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni taghha.

Illi ghalhekk fuq ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta' l-istess imputata, il-Qorti tiddikjara li qed issib lill-imputata hatja ta' l-ewwel akkuza kif minnha ammessa, u cioe' dik ta serq, izda tilliberaha mit-tieni akkuza, u cioe' dik ta' ricettazzjoni, stante li ma jistghux iregu akkuza ta' serq u akkuza ta' ricettazzjoni f'daqqa.

Ghal finijiet ta' piena, il-Qorti kkunsidrat il-fedina penali netta ta' l-imputata, il-fatt li hija rregistrat ammissjoni fi stadju daqshekk bikri tal-proceduri, l-fatt li l-imputata

ikkoperat bis-shih fl-kors tal-investigazzjonijiet u l-fatt li refurtiva giet ritornata lill-vittma.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-Artikoli 261 u 267 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta tiddikjara li qed issib lill-imputata hatja ta’ l-ewwel akkuza kif minnha ammessa u izda tididkkjaraha mhux hatja tat-tieni akkuza ghar-ragunijet spjegati aktar il-fuq u b’applikazzjoni ta’ l-Artikolu 22(1) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta tiddeciedi li tilliberaha bil-kundizzjoni li ma tikkommettiex reat iehor sa zmien sentejn millum.

Il-Qorti spjegat lil hatja fi kliem car, kemm ir-responsabilita’ taghha u x’jigri jekk hija tikkommetti reat li ghalih ikun hemm piena ta’ prigunerija matul il-perjodu ta’ sentejn.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------